**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 14 ta' Diċembru 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Axil James Busuttil**
**(K.I: 0473892M)**

**Anaise Sammut**
**(K.I: 0485397M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Axil James Busuttil** li permezz tagħhom ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**:-**

F'xi ħin bejn id-disgħa ta' flgħaxija (21:00) u l-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22:30) fit-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Dawret il-Qalb Mqaddsa, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus, *mobile* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-valur, bil-ħin u bil-mezz**; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Rajat Nagi** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, f'xi ħin bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) u d-disgħa ta' filgħaxija (21:00) fl-erbgħa (4) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Toni Żahra, Żejtun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin** u dan sar għad-detriment ta' **Rajali Sujal** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn il-ħdax ta' bil-lejl (23:00) u nofs il-lejl (00:00) matul il-lejl tas-sitta (6) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq il-Bajja Sabiħa, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin** u dan sar għad-detriment ta' **Mandal Dev Narayan** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli, f'xi ħin bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00) fis-sebgħa (7) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ħdejn ir-*restaurant Al Fresco* ġewwa x-xatt ta' San Ġorġ, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Ikkommetta serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-valur, bil-ħin u bil-mezz**; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Arshad Arslan** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli:

5. Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati rrenda ruħu reċediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Anaise Sammut** li permezz tagħhom ġiet akkużata talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

F'xi ħin bejn id-disgħa ta' filgħaxija (21:00) u l-għaxra u nofs ta' bil-lejl (22:30) fit-tlieta (3) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Dawret il-Qalb Mqaddsa, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq ta' flus, *mobile* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-valur, bil-ħin u bil-mezz**; liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistit lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew tkun xewxet lil ħaddieħor jew inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkumpensah u dan sar għad-detriment ta' **Rajat Nagi** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, f'xi ħin bejn is-sebgħa ta' flgħaxija (19:00) u d-disgħa ta' flgħaxija (21:00) fl-erbgħa (4) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Toni Żahra, Żejtun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-ħin u bil-mezz**; u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistit lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew tkun xewxet lil ħaddieħor jew inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkumpensah u dan sar għad-detriment ta' **Rajali Sujal** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, f'xi ħin bejn il-ħdax ta' bil-lejl (23:00) u nofs il-lejl (00:00) matul il-lejl tas-sitta (6) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq il-Bajja Sabiħa, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

3. Irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-ħin u bil-mezz**; u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistit lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew tkun xewxet lil ħaddieħor jew inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkumpensah u dan sar għad-detriment ta' **Mandal Dev Narayan** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli, f'xi ħin bejn is-sebgħa ta' flgħaxija (19:00) u t-tmienja ta' flgħaxija (20:00) fis-sebgħa (7) ta' Diċembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ħdejn ir-*restaurant Al Fresco* ġewwa x-xatt ta' San Ġorġ, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

4. Irrendiet ruħha kompliċi fid-delitt ta' serq ta' flus, liema serq huwa ikkwalifikat **bil-vjolenza, bil-ħin u bil-mezz**; u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistit lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat u/jew tkun xewxet lil ħaddieħor jew inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkumpensah u dan sar għad-detriment ta' **Arshad Arslan** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Rajat Nagi, Rajali Sujal, Mandal Dev Narayan** u **Arshad Arslan** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet liż-żewġ imputati jammettu għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti spjegatilhom il-pieni relattivi għar-reati in kwistjoni, u wara li tagħthom biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidraw il-posizzjoni tagħhom

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk l-istess imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinsabu ħatja l-imputati, il-fedina penali rispettiva, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni ammettew il-ħtija tagħhom u kkoperaw mal-Prosekuzzjoni wara li ġew arrestati. Il-Qorti tqis illi r-reati mwettqa mill-imputati huma ta' natura serja ħafna u ħallew iktar minn vittma waħda, liema vittmi sfaw misruqa u aggrediti waqt li kienu fuq il-lant tax-xogħol tagħhom. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputati stqarrew li għandhom problema ta' dipendenza fuq sustanzi illeċiti u li jixtiequ li jiġu mgħejjuna biex iqumu fuq saqajhom tant li jemmnu li l-aħjar post fejn dan jista' jsir huwa billi jkunu f'ambjent ikkontrollat.

Illi għalhekk wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti tqis li l-uniku piena idonea għar-reati mwettqa mill-imputati hija dik ta' priġunerija effettiva abbinata ma' Ordni ta' Trattament li permezz tagħha l-imputati jiġu mgħejjuna jiksbu dawk il-ħiliet kif għandhom imexxu ħajjithom 'il quddiem u jinqalgħu minn dan iċ-ċirku vizzjuż li qegħdin fih. Ai fini ta' komputazzjoni ta' piena fil-konfront ta' Axil James Busuttil, il-Qorti se tqis ir-reati mwettqa bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u se tagħti l-piena tar-reat l-iktar gravi biż-żieda ta' grad, filwaqt li se titla' grad ieħor ai fini tar-reċidiva u grad ieħor ai fini ta' dak kontemplat fl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261 (a), (b), (c) u (f), 262 (b), 263 (b), 267, 270, 276, 277 (b), 279(a), 280 (2) u 289,tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, tiddikjara lill-imputat **Axil James Busuttil**, ħati, bħala reċidiv, tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261 (a), (b), (c) u (f), 262 (b), 263 (b), 267, 270, 276, 277 (b), 279(a) u 280 (2),tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, tiddikjara lill-imputata **Anaise Sammut** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva.

In oltre, il-Qorti, in vista li hemm lok li ż-żewġ ħatja jiġu mgħejjuna permezz ta' Ordni ta' Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tagħhom għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar id-doveri tal-ħatja skont l-Ordni ta' Trattament u l-konsegwenzi jekk huma jonqsu milli jikkonformaw rwieħhom ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-istess Ordni.

Il-Qorti mhux qed tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li ma jirriżultawx li ġew maħtura xi esperti.

In vista tad-dinamika tar-reati, il-Qorti ma tarax li hu l-każ li hemm il-ħtieġa li tinħareġ xi forma ta' protezzjoni għall-vittmi ta' dawn l-inċidenti peress li l-ħatja u l-vittmi ma jafux lil xulxin.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**